KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali - Numru 2/24

15 ta' Frar 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI:

Ma kienx hemm

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

### 2.24.1 <u>Diskussjoni dwar is-Sejħa Għall-Kwotazzjoni dwar it-Tindif tat-Toroq - KKR/T/01/2024</u>

2.24.1.1 Is-Sindku nforma li l-Kunsill fl-aħħar laqgħa tal-Kunsil ta' nhar 17 ta' Jannar 2024 kien hemm qbil li tinħareġ is-sejħa għall-kwotazzjoni għat-tindif tat-toroq. Żied jgħid li s-sejħa ħarġet u għaqet fid-9 ta' Frar 2024 fejn ġiet evalwata minn Bord tal-Evalwazzjoni magħżul *ai termini* tal-Public Procurement Regulation.

Is-Sindku spega wkoll ir-raġuni għalfejn issejħet il-laqgħa b'urġenza peress li l-lokalita` ser tispiċċa mingħajr kenniesa fil-ġimgħat li ġejjin u sejjaħ din il-laqgħa sabiex il-Kunsill jevalwa r-riżultat li pprovda l-Bord tal-Evalwazzjoni mingħajr telf ta' żmien.

Wara li l-Kunsill evalwa r-riżultat, ġie nnutat li x-xogħol tal-knis ser ikun maqsum bejn żewġ kuntratturi peress li kien hemm żewġ offerti bl-istess prezz.

Il-Kunsill unanimament qabel mar-riżultat provdut mill-Bord tal-Evalwazzjoni. Għalhekk kull kuntrattur ser jingħata x-xogħolijiet ta' knis sakemm jeżawrixxi nofs l-ammont tas-sejħa għall-kwotazzjoni.

**<u>Tmiem il-laqgħa</u>**

Is-seduta ntemmet fl-4.00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda.

Konfermati, illum 15 ta' Frar 2024

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**